MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 201/2009

**Charles Grech (ID 487768M)**

**Vs**

**Melvin Borg**

**It-Tribunal,**

Ra **l-Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Marzu 2009 li permezz tieghu l-attur talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallsu s-somma ta' elf Euro (€1000) rapprezentanti prezz ta' merkanzija ta' madum/irham mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut. Bl-ispejjez, bl-imghax legali u b'hekk il-konvenut jibqa` ngunt ghas-subizzjoni.

Ra **r-risposta** tal-konvenut ipprezentata fit-13 ta' April 2009 li permezz taghha eccepixxa preliminarjament illi t-talba attrici hija intempestiva stante illi ma nghatat ebda

risposta ghall-ittra bonarja tal-konvenut datata 8 ta' Ottubru 2008, izda minflok l-attur intavola l-kawza odjerna; illi inoltre t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur; illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-materjal supplit lill-konvenut ma kienx tal-kwalita` pattwita izda kien ta' kwalita` inferjuri u difettuz; illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-materjal supplit ma giex imqieghed ghand il-konvenut kif kien miftiehem bejn il-partijiet; illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi x-xoghol esegwit mill-attur ma giex esegwit skond l-arti u s-sengha; illi l-konvenut jirriserva li jniehed il-proceduri gudizzjarji opportuni fil-konfront tal-attur; bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Ra l-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru 2009 fejn l-attur u d-difensur tieghu ma dehrux anke jekk imsejjha – u dik kienet it-tielet seduta konsekuttiva illi fiha la deher l-attur u lanqas id-difensuri tieghu, sabiex in linea mal-verbal tas-seduta precedenti, it-Tribunal iddikjara provi attur maghluqa u halla l-kawza ghall-provi tal-konvenut.

Sema` x-xhieda tal-konvenut **Melvin Borg** li waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2010 xehed illi l-irham kien fih hafna difetti bhal l-iskirting ta' mal-hajt li kien ta' qisien u tulijiet differenti; quddiem il-cooker kien ghamel bicca gonta u fuq naha minnhom kien hemm madwar erba` millimetri dizlivell. Inoltre` l-fili kienu wisghin, il-fili kienu suwed u dellek silicone ma' kullimkien, fost affarijiet ohra. Jghid li fadallu bilanc ta' Lm300 li ma hallashomx ghal din ir-raguni. Jghid li kien qal lill-attur li jekk jaghmillu xoghol sura ta' nies kien dispost illi jhallsu. Jesebixxi nota b'xi dokumenti fosthom ritratti, kopja ta' invoice u ittri legali (Dok MB1-5).

Sema` t-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-konvenut meta fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2010, il-kawza kien thalliet ghall-kontro-ezami tal-konvenut, izda ghal darb'ohra l-attur u d-difensur tieghu ma dehrux.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi kemm bix-xhieda tal-konvenut u kif ukoll bin-nuqqas ta' interess assolut da parti tal-attur li minkejja li kien avzat bil-mozzjoni ta' l-ewwel appuntament, ma deher ghall-ebda seduta, il-verzjoni tal-konvenut ma ghandiex ma titwemminx. Mhux biss l-attur ma ressaq ebda prova in sostenn tal-pretensjoni tieghu, izda lanqas ma ressaq ebda prova sabiex jikkontesta il-provi mressqa mill-konvenut.

In vista ta' dan, it-Tribunal ma ghandu ebda problema illi jasal ghal konkluzjoni illi jichad it-talba attrici filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti u wara illi kkunsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------